for the registration of a design of A DRINKING CONTAINER, has been accepted in the Register of Designs and Models of Manufacture with effect from 10th October, 2002. (Priority Claim: 11th April, 2002).

GODWIN WARR
3rd August, 2004 *Comptroller of Industrial Property*

* * *

REGISTRATION OF A DESIGN NO 1261 – COFFEE DISPENSING MACHINE

Notice is hereby given pursuant to the provisions of Section 75 of the Industrial Property (Protection) Ordinance that an application made by:

Café Bar International B.V. of Stephensonweg 18, 4207 HB Gorinchem, The Netherlands

for the registration of a design of COFFEE DISPENSING MACHINE, has been accepted in the Register of Designs and Models of Manufacture with effect from 7th July, 2000.

GODWIN WARR
3rd August, 2004 *Comptroller of Industrial Property*

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1161

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Ġunju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2004, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2002 li għandu jsir fil-KURIDUR TA' DAWN IL-QRATI tal-fond hawn taħt deskritt:-

Il-kumpless turistiku magħruf bħala 'Torri Kerċem', fi Triq ta' Doti, ġa magħrufa bħala Triq il-Qasam San Pawl u qabel Triq Klula, fil-limiti ta' Kerċem, Għawdex, bid-drittijiet u pertinenzi tiegħu kollha. Il-fond jinkludi l-ġonna annessi miegħu, il-pool area, is-swimming pool u n-nofs indiviż tad-drive-way komuni. Jinkludi wkoll biċċa raba' tal-kejl ta' ċirka 178.03 metri kwadri. Kollox soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm0.11c3; u stmat li jiswa komplessivament Lm250,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Torri Kercem Limited.

L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Guido Vella fir-relazzjonijiet tiegħu maħlufa fl-20 ta' Settembru, 2002 u fl-14 ta' Ottubru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-23 ta' Lulju, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 11th June, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday 12th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 12th July, 2002 to be held in the CORRIDOR OF THESE COURTS of the following property:-

Tourist complex known as 'Torri Kercem', in Triq ta' Doti, already known as Triq il-Qasam ta' San Pawl formerly Triq Klula, in the limits of Kerċem, Gozo, with all its rights, burdens and appurtenances. The complex includes its gardens, pool area, swimming pool, and the undivided half of the common drive-in. Also includes field measuring superficially 178.03 square metres. This whole property is subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm0.11c3; and is valued at Lm250,000.00c0.

The said property belongs to Torri Kercem Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the reports sworn to by Guido Vella A&CE on the 20th September, 2002 and on the 14th October, 2003.

Registry of the Superior Courts, this 23rd day of July, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1162

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2004 fuq rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 21 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-11 ta' Ottubru, 2002 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

In-nofs indiviż tal-flat internament markat bin-numru 6, formanti parti minn blokk ta' flats jismu 'Capri Flats', Antonio Sciortino Street, l-Imsida, stmat li jiswa dan in-nofs indiviż Lm17,500.00c0.

L-imsemmi nofs indiviż jappartjeni lil Irene Monica Zammit.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fid-19 ta' Awissu, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-23 ta' Lulju, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 31st May, 2004 on the application of Bank of Valletta p.l.c.; Thursday 21st October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 11th October, 2002 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

The undivided half of flat internally marked 6, forming part of a block of flats known as 'Capri Flats', Antonio Sciortino Street, Msida, valued at Lm17,500.00c0.

The undivided half of the said property belongs to Irene Monica Zammit.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Godwin P. Abela A&CE on the 19th August, 2003.

Registry of the Superior Courts, this 23rd day of July, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1163

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Home Loans (Malta) Limited ġie ffissat il-jum tal- Ħamis 7 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-8 ta' Ottubru, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-fond hawn taħt deskritt.

L-Utile dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu ta' ċirka 25 sena li bdew jiddekorru fis-27 ta' April, 1987, tal-bar u restaurant jismu 'Four Winds', fi Triq l-Imrejkba, kantuniera ma' Triq il-Merluzz, il-Qawra, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm350.00c0, stmat li jiswa Lm90,000.00c0.

L-imsemmija propjetà tappartjeni lil Grouper Holidays & Catering Company Limited.

N.B. L-imsemmija propjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta mill-A.I.C. Valerio Schembri fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Novembru, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-22 ta' Lulju, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 31st May, 2004 on the application of HSBC Home Loans (Malta) Limited; Thursday 7th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8th October, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

The Temporary Utile Dominium for the remaining period from 25 years commencing on the 27th April, 1987, of bar and restaurant known as 'Four Winds', in Triq l-Imrejkba cornered with Triq il-Merluzz, Qawra, being subject to the annual and temporary ground rent of Lm350.00c0, valued at Lm90,000.00c0.

The said property belongs to Grouper Holidays & Catering Company Limited.

N.B. The said property will be sold as described in the report sworn to by Valerio Schembri A&CE on the 26th November, 2003.

Registry of the Superior Courts, this 22nd day of July, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1164

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-31 ta' Mejju, 2004 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc., ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-30 ta' Jannar, 2002, li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetà hawn taħt deskritta:

Il-fond cioè terraced house bil-garaxx interkonness miegħu, immarkati bin-numri 99 u 97 rispettivament, jismu 'Hasan' , fi Triq Ġużè Ellul Mercer, Ħal Qormi, stmat li jiswa Lm120,000.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil Anthony u Joan Mary sive Jane konjugi Cuschieri.

N.B. L-imsemmija propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-26 ta' Marzu, 2002.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, it-23 ta' Lulju, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on 31st May, 2004 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c.; Tuesday 5th October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 30th January, 2002 to be held in the Corridor of these Courts of the following property:

Terraced house with its intercommunicated garage, marked 99 and 97 respectively, known as 'Hasan', Ġużè Ellul Mercer Street, Qormi, valued at Lm120,000.00c0.

The said tenements are the property of Anthony and Joan Mary sive Jane spouses Cuschieri.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by Joseph Ellul Vincenti A&CE on the 26th day of March, 2002.

Registry of the Superior Courts, this 23rd day of July, 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1165

B'digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 2004 fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA P.L.C. ġie ffissat il-jum tal- Ħamis 21 ta' Ottubru, 2004 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-20 ta' Marzu, 2003 li għandu jsir fil-kuridur ta' dawn il-Qrati tal-propjetajiet hawn taħt deskritti.

1. L-utili dominju temporanju għaż-żmien li fadal mill-150 sena li bdew jiddekorru fit-18 ta' Lulju, 1990, tal-flat internament markat bin-numru 7, formanti parti minn blokk ta' flats jismu 'St. Mary Flats', fi Triq ir-Ramel, Buġibba, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju ta' Lm14.66c6 revedibbli kull 25 sena, stmat li jiswa Lm13,000.00c0.

2. Garaxx numru 63, Triq Domenico Cachia, Birkirkara, mingħajr arja, kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm20.00c0, stmat li jiswa Lm35,000.00c0.

3. Plot fabbrikabbli formanti parti mill-art imsejħa 'Ta' Ħabel Qassis', fi Triq Birżebbuġa, fil-limiti tal-Gudja, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka 181.43 metri kwadri, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm15.50c0, stmata li tiswa Lm36,000.00c0.

4. Garaxx immarkat mhux uffiċjalment bin-numru 4, fi Triq Domenico Cachia, Birkirkara, kif soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm5.00c0, stmat li jiswa Lm15,000.00c0.

5. Garaxx bla numru u bla isem, sottopost għall-blokk ta' flats jismu 'Mayflower Flats', f'Upper Conversion Street, Buġibba, stmat li jiswa Lm30,000.00c0.

6. Ħanut jismu 'Dix Computers', fi Triq N. Tomasucci kantuniera ma' Triq Domenico Cachia, Birkirkara, liberu u frank, stmat li jiswa Lm30,000.00c0.

L-imsemmija propjetajiet jappartjenu lil K.T. Company Limited.

N.B. L-imsemmija propjetajiet jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-A.I.C. Anton Valentino fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-4 ta' Awissu, 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-23 ta' Lulju, 2004.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court First Hall on the 31st May, 2004 on the application of BANK OF VALLETTA P.L.C., Thursday 21st October, 2004 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th March, 2003 to be held in the corridor of these Courts of the following property.

1. The Temporary utile dominium for the remaining period from 150 years commencing on the 18th July, 1990, of flat internally marked 7, forming part of a block of flats known as 'St. Mary Flats', Sand Street, Buġibba, being subject to the annual and temporary ground-rent of Lm14.66c6 revisable every 25 years, valued at Lm13,000.00c0.

2. Garage numbered 63, Domenico Cachia Street, Birkirkara, excluding its airspace, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm20.00c0, valued at Lm35,000.00c0.

3. Building plot of land forming part of lands known as 'Ta' Ħabel Qassis', Birżebbugia Road, limits of Gudja, measuring superficially 181.43 square metres, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm15.50c0, valued at Lm36,000.00c0.

4. Garage unofficially marked 4, Domenico Cachia Street, Birkirkara, being subject to the annual and perpetual ground-rent of Lm5.00c0, valued at Lm15,000.00c0.

5. Unnumbered garage without name, underlying a block of flats known as 'Mayflower Flats', Upper Conversion street, Buġibba, valued at Lm30,000.00c0.

6. Unnumbered shop known as 'Dix Computers', N. Tomasucci Street cornered with Domenico Cachia Street, Birkirkara, free and unencumbered, valued at Lm30,000.00c0.

The said properties belong to K.T. Company Limited.

N.B. The said properties will be sold as described in the report sworn to by Anton Valentino A&CE on the 4th August, 2003.

Registry of the Superior Courts, today the 23rd July 2004.

VINCENT ATTARD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1166

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju 2004, Ċitazzjoni 2248/98 GV, Angelo Vella (ID Nru. 573953(M) vs Michael Ciappara (I.D. Nru. 216337(M) u b'digriet tas-16 ta' Frar, 2000 ġiet kjamata in kawża Anne Ciappara (I.D. Nru 455033(M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-attur appellat Angelo Vella, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Nru. 2248/98GV, Angelo Vella (ID Nru. 573953(M) vs Michael Ciappara (ID Nru. 216337(M) u b'Digriet tas-16 ta' Frar, 2000 ġiet kjamata in kawża Anne Ciappara (ID Nru. 455033(M), mill-konvenut Michael Ciappara u tal-kjamat in kawża Anne Ciappara, ir-rikorrenti espona bir-rispett;

1. Illi permezz taċ-Ċitazzjoni tiegħu ppreżentata fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Novembru, 1998 l-attur appellat ippremetta;

(I) Illi huwa proprjetarju tal-fond 43, Triq San Ġwann, Bormla;

(II) Illi l-konvenut appellant huwa proprjetarju tal-fond sottostanti ta' l-attur appellat;

(III) Illi l-konvenut appellant riċentement beda jesegwixxi xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond proprjetà tiegħu;

(IV) Illi, b'konsegwenza ta' dan daħal ammont ta' ilma fil-fond ta' l-attur appellat u b'hekk sofra danni konsistenti fi ħsarat fl-istess fond, liema danni jammontaw għal elf, tmien mija u tnejn u sebgħin Lira Maltija (Lm1,872.00) kif jirriżulta mill-anness dokument A sa F;

U għalhekk talab illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tiddikjara;

(I) Illi l-konvenut appellant huwa responsabbli għad-danni li sofra l-attur appellat konsistenti fi ħsarat fil-fond 43, Triq San Ġwann, Bormla, proprjetà tiegħu kif fuq spjegat; u

(II) Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u sebgħin Lira Maltija (Lm1,872.00) jew somma verjuri.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax u l-konvenut appellant inġunt għas-subizzjoni.

2. Illi, permezz tan-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut appellant a fol.38 tal-proċess eċċepixxa;

(I) Illi, preliminarjament l-eċċipjent mhuwiex il-leġittimu kontradittur,...Omissis...

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 3rd June 2004, Writ of Summons 2248/98GV, Angelo Vella (ID No. 573953(M) vs Michael Ciappara (I.D. No.216337(M) and by decree of the 16th February, 2000 Anne Ciappara (ID No.455033(M) was called into the suit, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent plaintiff Angelo Vella, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons No. 2248/98 GV, Angelo Vella (ID No. 573953(M) vs Michael Ciappara (ID No. 216337(M) and by Decree of the 16th February, 2000 Anne Ciappara (ID No 455033(M) was called into the suit, the applicant Anne Ciappara pleaded with respect;

1. That by means of his Writ of Summons filed in the Registry of the First Hall of the Civil Court on the 2nd November, 1998 the respondent plaintiff premised that;

(I) He is the owner of the premises 43, St. John Street, Cospicua;

(II) The defendant appellant is the owner of the underlying premises of the respondent plaintiff;

(III) The defendant appellant recently started to carry out construction works in the premises being his property;

(IV) As a consequence of this an amount of water seeped into the premises of the respondent plaintiff and thus suffered damages consisting in damage to the same premises, which damages amount to one thousand, eight hundred and seventy two Maltese Liri (Lm1,872.00) as results from the attached document A to F;

And thus asked that the First Hall of the Civil Court Declare;

(I) That the defendant appellant is responsible for the damages suffered by the respondent plaintiff consisting in damages to the premises 43, St. John Street, Cospicua being his property as above explained; and

(II) Condemn the defendant to pay the plaintiff the sum of one thousand, eight hundred and seventy two Maltese Liri (Lm1,872.00) or more precise sum.

With costs and with interests and the appellant defendant is summoned so that a reference to his oath be made.

2. That, by means of his Note of Pleas, the defendant appellant a. fol.38 of the proceedings pleaded;

(I) That, in the first place the interpellant is not the right defendant...Omissis...

(II) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-eċċipjent ma kkawża l-ebda danni lill-attur; u

(III) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, jekk jirriżulta illi l-attur sofra xi danni, dawn seħħew minħabba aġir ta' l-istess attur u l-konvenut għamel dak kollu meħtieġ biex l-imsemmija danni jiġu evitati.

(IV) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, it-talba attriċi hija eċċessiva.

3. Illi, permezz ta' Digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Frar 2000, l-appellanti Anne Ciappara ġiet kjamata in kawża u eċċepiet;

(I) Illi, l-eċċipjenti f'din il-kawża ma kkawża l-ebda danni lill-attur;

(II) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, jekk jirriżulta li l-attur sofra xi danni, dawn seħħew minħabba aġir ta' l-istess attur u l-konvenut għamel dak kollu meħtieġ biex l-imsemmija danni jiġu evitati; u

(III) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, it-talba attriċi hija eċċessiva.

4. Illi permezz ta' Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru, 2003 dik il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u kkundannat lill-konvenut u lill-kjamata in kawża appellanti jħallsu lill-attur appellat is-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u għoxrin Liri Maltin (Lm1,922.00) bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tan-notifika taċ-Ċitazzjoni.

5. Illi, l-esponenti ħassew irwiehom aggravati bis-Sentenza fuq imsemmija u għalhekk qed jinterponu dan l-umli appell tagħhom quddiem din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, ...Omissis...

(I) L-ewwelnett u qabel kollox, jidher b'mod l-aktar ċar illi l-Ewwel Qorti għoġobha tikkundanna addirittura aktar minn dak imsemmi fit-talbiet attriċi ...Omissis...

Illi huwa risaput illi l-Qorti ma tistax tmur extra petita, ma tistax tagħti lill-attur aktar minn dak illi jitlob fiċ-Ċitazzjoni tiegħu, u għalhekk huwa ċar illi f'dan ir-rigward hemm nuqqas serju u s-Sentenza għandha tiġi revokata.

(II) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju imbagħad, l-Ewwel Qorti wkoll marret ultra petita għaliex l-attur kien qiegħed jitlob dikjarazzjoni illi l-appellanti huma responsabbli għal danni li sofra l-attur appellat 'konsistenti fi ħsarat fil-fond 43, Triq San Ġwann Bormla, proprjetà tiegħu'.

(II) That, subordinately and without any prejudice, the interpellant did not cause any damage to the plaintiff; and

(III) That, subordinately and without any prejudice, if it results that the plaintiff suffered any damages, these occurred due to the actions of the same plaintiff and the defendant did all that was necessary in order that the said damages be avoided.

(IV) That subordinately and without any prejudice, the plaintiffís claim is excessive.

3. That, by means of a Decree given by the First Hall of the Civil Court, on the 16th February 2000, the appellant Anne Ciappara was called into the suit and pleaded;

(I) That, the interpellant in this cause did not cause any damage to the plaintiff;

(II) That, subordinately and without any prejudice, if it results that the plaintiff suffered any damage, these occurred because of the actions of the same plaintiff and the defendant did all that was necessary so that the same damages be avoided; and

(III) That, subordinately and without any prejudice, the plaintiff's claim is excessive.

4. That by means of a Judgement given by the First Hall of the Civil Court, on the 13th October, 2003 the Court upheld the plaintiff's claims and condemned the defendant and the third party appellant in the suit to pay the respondent plaintiff the sum of one thousand, nine hundred and twenty two Maltese Liri (Lm1,922.00) with costs and interest from the date of service of this Writ of Summons.

5. That, the interpellants, felt aggrieved by the Judgement above mentioned and thus are humbly filing their appeal before this Honourable Court of Appeal...Omisis...

(I) In the first place, it appears very clearly that the First Court, outrightly decided more than that was asked in the plaintiff's claims...Omissis...

That it is known that the Court cannot go extra petita, cannot uphold in favour of the plaintiff more than that asked for in his writ of summons, and thus it is clear in this regard that there is a serious deficiency and the Judgement should be revoked.

(II) That, subordinately and without any prejudice then, the First Hall of the Civil Court, went ultra petita because the plaintiff was asking a declaration that the appellants, are responsible for damages suffered by the respondent plaintiff 'consisting in damages in the premises 43, St. John Street, Cospicua, being his property'.

...Omissis...

Hija s-sottomissjoni ta' l-appellanti , illi kif formulata t-talba fiċ-Ċitazzjoni u limitata għal danni biss-'fil-fond' u mhux 'fl-għamara'; it-talba setgħet tiġi milqugħa biss għal dawk id-danni illi l-Qorti ssib illi ġew ppruvati fir-rigward tal-proprejtà immobiljari 43, Triq San Ġwann, Bormla, u ċertament mhux ukoll għal danni fl-għamara u ċioé fil-mobbli.

...Omissis...

Bir-rispett kollu l-Ewwwel Qorti injorat kompletament din il-limitazzjoni illi għamel l-attur fiċ-Ċitazzjoni tiegħu u akkordat id-danni kemm għal dawk illi sabet li l-attur sofra 'fil-fond' u kif ukoll għal dawk li sabet illi sofra l-attur 'fl-għamara'. Mhux biss , imma addirittura, fis-Sentenza tagħha l-Qorti rrimarkat ukoll għaliex l-appellanti ma kkontestawx ir-riċevuti, meta huwa ċar illi l-appellanti ma setgħu bl-ebda mod jikkontestaw ir-riċevuti li jirrigwardaw l-għamara u li ma kinux meritu tal-kawża għaliex ma kinux inklużi fil-pretensjoni attriċi.

...Omissis...

(III) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, għandu jingħad illi mill-provi għandu jirriżulta wkoll illi l-konvenut appellant għamel ħiltu kollha biex jibdel dan is-saqaf u kien biss minħabba ċirkostanzi li ma kinux fil-kontroll tiegħu u ċioé l-maltempata, li seħħ dak li seħħ...

...Omissis...

(IV) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, anke jekk dato ma non concesso, wieħed jista' jinkludi l-għamara ma' danni taħt id-definizzjoni 'fil-fond' indikata fl-ewwel talba attriċi, bir-rispett kollu dovut, ir-riċevuti esebiti jindikaw prinċipalment oġġetti ta' l-għamara li mhux faċilment jiġu distrutti bis-sempliċi perkolazzjoni ta' l-ilma f'okkażjoni waħda.

...Omissis...

Hija l-umili sottomissjoni ta' l-appellant illi jekk veru daħal dan l-ilma, u jekk veru kien tort ta' l-istess appellanti, kif jgħid l-attur fl-Affidavit tiegħu ppreżentat fit-2 ta' Diċembru, 1999 -'billi daħal sitt pulzieri ilma ma' kullimkien' u anke jekk wieħed jaċċetta li veru daħal dan l-ammont ta' ilma, ċertament sitt pulzieri ma hux se jirrovina kmamar sħaħ ta' l-għamara kif jipprova jsostni l-attur.

...Omissis...

Allura, fiċ-ċirkostanzi preżenti, bis-Sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivil jiġri illi l-attur jitħallas il-prezz ta' għamara ġdida kif xtraha huwa u jibqa' jżomm għamara illi ċertament għandu sallum u illi ċertament għadha tajba

...Omissis...

It is the submission of the appellants, that as the demand is formulated in the Writ of Summons and limited to damages only in 'the premises' and not in 'the furniture'; the demand could have been upheld not only for those damages that the Court shall find to have been proved as regards of the immovable property 43, St. John Street, Cospicua and certainly not also for the damages in the furniture, that is in the movables.

..Omissis...

With all respect the First Court, completely ignored this limitation made by the plaintiff in his writ of Summons and granted the damages both as regards those which the plaintiff suffered in 'the premises' as well as for those that the plaintiff suffered in 'the furniture'. Not only but the Court, in its Judgement, outrightly remarked, why the appellants did not contest the receipts, when it is clear that the appellants could not in any way contest the receipts which relate to the furniture and did not form part of the merit of the cause, because they were not included in the plaintiff's claim.

...Omissis...

(III) That, subordinately and without any prejudice, it is to be stated that from the proof it should also result that the defendant appealant did his best to change the roof, however due to circumstances beyond his control, that is the storm, that this occured...

...Omissis...

(IV) That, subordinately and without prejudice, if it is granted but not conceded, one can include the furniture with damages under the definition 'in the premises' indicated in the first demand of the plaintiff, with all due respect, the receipts exhibited indicate principally, furniture objects which cannot be easily destroyed with the simple percolation of water, on one occassion.

...Omissis...

It is the humble submission of the appellant, that if it is true that this water seeped in, and, if it is true that it was the fault of the same appellants, as the plaintiff states in his Affidavit filed on the 2nd of December,1999 -'as six inches of water seeped in everywhere' and even if one accepts that this amount of water seeped in, certainly six inches, shall not ruin whole rooms of furniture, as the plaintiff tries to uphold.

...Omissis...

Thus, in the present circumstances, by the Judgement given by the First Hall of the Civil Court, it shall happen that the plaintiff be paid the price of new furniture as bought by him and shall retain furniture which he has till this day and which

biex tibqa' tintuża għal ħafna snin oħra u dan ma jġib xejn ħlief l-arrikkiment in debitu ta' l-istess attur fuq l-appellanti. Dan imur espressament kontra l-prinċipji bażilari tad-dritt neminem licet locupletari cum aliena factura.

(V) Illi, subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, għandu jingħad illi t-talba attriċi għad-danni fir-rigward ta' l-għamara ma tistax isseħħ għar-raġunijiet premessi wkoll, għaliex l-attur ma jistax jirreklama d-danni fuq l-istess għamara u jżomm l-għamara huwa nnifsu. Huwa risaput illi jekk l-attur qed jirreklama għad-danni, l-ewwel ħaġa li jrid jagħmel huwa illi jrodd il-ħaġa danneġġjata jew ta' l-anqas jgħaddi għad-depożitu ġudizzjarju ta' l-għamara illi huwa qed isostni illi hija danneġjata. Dan għaliex bit-talba tiegħu, skond ir-riċevuti minnu esebiti, l-attur qed isostni illi l-għamara illi għandu ġiet danneġġjata u hija għar-rimi, ma tistax tintuża, u li għalhekk huwa għandu d-dritt illi jitħallas mill-ġdid.

Appellat: 43, Triq San Ġwann, Bormla.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Appell Superjuri), illum, 28 ta' Lulju, 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

is certainly still good for use for more years and this shall only bring about unjust enrichment of the same plaintiff, to the detriment of the appellants. This goes expressly against the basic principles of the right, neminem licet locupletari cum aliena factura.

(IV) That, subordinately and without any prejudice, it has to be stated that the plaintiffís claim for damages as regards the furniture cannot be upheld for the reasons premised, because the plaintiff cannot claim damages on the same furniture and hold the same furniture himself. It is known that if the plaintiff is claiming damages, the first thing he has to do, is to give back the thing damaged, or at least passes on to the judicial deposit of the furniture, which he is claiming to be damaged. This because, by his demand, according to the receipts exhibited by him, the plaintiff is claiming that the furniture he has was damaged and is to be thrown away, cannot be used, and that he has the right to be paid, anew.

Respondent: 43, St. John Street, Cospicua.

Registry of the Civil Courts (Superior Appeals), today, 28th July, 2004.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1167

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-1 Lulju, 2004 ġiet milqugħa t-talba mill-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-artikoli 8(a) (b) u 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Atti tal-Kumpilazzjoni, Il-Pulizija (Spettur Nezren Grixti u Spettur Pierre Grech) versus:

Victor Magri, ta' 40 sena, iben Nazzareno u Carmena neè Grech, imwieled Ħal Qormi nhar il-31 ta' Awissu, 1963 u residenti fil-fond 108, Triq il-Kannizzata, Ħal Balzan, u detentur bil-karta ta' l-identità numru 506963 (M)

ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti lil/jew imissu lill-imputat imsemmi aktar 'il fuq, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbit lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fil-kapitolu 8 (a) (b) u l-artikolu 22 (2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati(Malta) illum 29 ta' Lulju, 2004.

FRANK GALEA
Reġistratur

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 1st July, 2004, the Court acceded to the request of the Prosecution in terms of Sections 8(a) (b) and 22(2) of Chapter 101 of Laws of Malta in the Preliminary Investigation, The Police (Inspector Nezren Grixti and Inspector Pierre Grech) versus:

Victor Magri, 40 years old, son of Nazzareno and Carmena neè Grech, born at Qormi on the 31st August, 1963 and residing at 108, Triq il-Kannizzata, Balzan and holder of Identity Card Number 506963 (M)

ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and any movable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, movable or immovable, in terms of Section 8 (a) (b) and Section 22(2) of Chapter 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 29th July, 2004.

FRANK GALEA
Registrar

1168

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2004, ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) .

Spiridione Borg ippreżenta ċitazzjoni fid-9 ta' Ġunju, 2004 Ċit. Numru: 59/2004 (PC) fl-ismijiet "Spiridione Borg - kontra - George Grech", il-Qorti ordnat li George Grech (ID. Nru. 18950 G) li joqgħod 53, Triq ta' Saguna, Sannat, VCT 112, Għawdex, jiġi notifikat permezz ta' l-afflissjoni, fejn talab lill-Qorti sabiex:

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur għall-iskadenzi tal-kera tal-fond numru 14, Triq Sant' Indrija, Xlendi, Għawdex, u cioè ħdax mill-ewwel (1) ta' Mejju, 1999 sa l-ewwel (1) ta' Mejju, 2004, liema kera hija ta' ħamest elef, erba' mija u ħamsa u sebgħin lira Maltin (Lm5,475) għal kull skadenza skond il-ftehim tal-kera aċċettat mill-istess konvenut.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Din il-kawża ġġib in-numru Ċitazzjoni numru 59/2004 (PC) tinsab differita għas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri.

Illum 30 ta' Lulju, 2004.

FRANCIS ATTARD
Deputat Reġistratur

It is hereby notified that the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction by a decree given on the 13th July, 2004, ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purpose of service in terms of section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Spiridione Borg filed a writ of summons on the 9th June, 2004 against George Grech Number 59/2004 (ID. Nru. 18950 G) residing at 53, Triq ta' Saguna, Sannat, VCT 112, in the names "Spiridione Borg -vs- George Grech" to be notified by means of this publication, wherein he asked the Court to:

Condemn defendant to pay plaintiff for the rent of premises Number 14, St. Andrew Street, Xlendi, Gozo, that is eleven payments from 1st May, 1999 up to the 1st of May, 2004, which rent is for the sum of five thousand, four hundred and seventy five Malta liri (Lm5,475) for each as per agreement accepted by the same defendant.

With costs against the defendants.

The Case bearing number 59/2004 (PC) has been put off for the sitting of the 7th October, 2004 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo) Superior Matter.

Today 30th July, 2004.

FRANCIS ATTARD
Deputy Registrar

1169

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Ġunju 2004 fuq rikors ta' Carmelo Degabriele numru 360/2004, Maria Dolores Degabriele, armla minn Joseph Mary Degabriele, bint il-mejtin George Vella u Hilda Vella neè Magro, imwielda Mellieħa u residenti fid-dar ta' l-Anzjani Marina Palace, l-Imsida, bil-karta ta' l-identità numru 560109(M) ġiet inabilitata.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) illum 29 ta' Lulju 2004.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) by means of a decree given on the 22nd June 2004, following an application of Carmelo Degabriele number 360/2004, Maria Dolores Degabriele, widow of Joseph Mary Degabriele, daughter of the late George Vella and Hilda Vella neè Magro, born in Mellieħa and residing at the Old People's Home, Marina Palace, Msida, having identity card number 560109(M) was incapacitated.

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section) today 29th July 2004.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1170

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-28 Lulju, 2004 ġiet milqugħa t-talba mill-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikoli 5(1)(b) u 5 (1)(2) ta' l-Att Kontra l-Ħasil tal-Flus, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Atti tal-Kumpilazzjoni, 'Il-Pulizija (Spetturi Paul Vassallo u Antonovitch Muscat)' kontra:

Maria Abela, 33 sena, bint il-mejjet Ernesto u Frances neè Mattocks, imwielda Gżira, nhar il-5 ta' Settembru, 1971, u residenti Manoel Court, Flat 5, Triq Manoel de Vilhena, Gżira, u detentriċi bil-karta ta' l-identità numru 403671 (M)

ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti lil/jew imissu lill-imputata msemmija aktar 'il fuq, jew li huma propjetà tagħha u pprojbit lill-istess imputata milli tittrasferixxi jew xort' oħra tiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fl-Artikoli 5(1)(b) u 5 (1)(2) Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 30 ta' Lulju, 2004.

FRANK GALEA
Reġistratur

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 28th July, 2004, the Court acceded to the request of the Prosecution in terms of Sections 5(1)(b) and 5 (1) (2), against Money Laundering, Chapter 373 of the Laws of Malta in the Preliminary Investigation, 'The Police (Inspectors Paul Vassallo and Antonovitch Muscat)' versus:

Maria Abela, 33 years old, daughter of Ernesto and Frances neè Mattocks, born at Gżira, on the 5th September, 1971 and residing at Manoel Court, Flat 5, Manoel de Vilhena Street, Gżira and holder of identity Card Number 403671 (M)

ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and any movable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are her property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, movable or immovable, in terms of Sections 5(1)(b) and 5 (1)(2), Chapter 373 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 30th July, 2004.

FRANK GALEA
Registrar

1171

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fid-29 ta' Lulju, 2004 ġiet milqugħa t-talba mill-Prosekuzzjoni a tenur ta' l-Artikoli 8(a) u 22(1) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-Atti tal-Kawża, 'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara, Spettur Nadia Lanzon u Spettur Maurice Curmi)' versus:

Joseph Rizzo, ta' 42 sena, iben Emanuel u Dolores neè Spiteri, imwieled Raħal Gdid fid-19 ta' Frar, 1962 u residenti fil-fond Quintano, Flat No 1, Triq Mahatma Gandhi, Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identità Numru 246462 (M);

ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti lil/jew imissu lill-imputat imsemmi aktar 'il fuq, jew li huma proprjetà tiegħu u pprojbit lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn kull proprjetà, mobbli jew immobbli, kif provdut fl-Artikoli 8 (a) u 22(1), Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 2 ta' Awissu, 2004.

FRANK GALEA
Registratur

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 29th July, 2004, the Court acceded to the request of the Prosecution in terms of Sections 8(a) and 22(1), Chapter 101 of the Laws of Malta in the case, 'The Police (Inspector Norbert Ciappara, Inspector Nadia Lanzon and Inspector Maurice Curmi)' versus:

Joseph Rizzo 42 years, son of Emanuel and Dolores neè Spiteri, born at Paola on the 19th February, 1962 and residing at Quintano, Flat No 1, Mahatma Gandhi Street, Fgura and holder of Identity Card Number 246462(M);

ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and any movable property which may be due to or belonging to the accused person mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or otherwise dispose of all property, movable or immovable, in terms of sections 8(a) and 22(1) of Chapter 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 2nd August, 2004.

FRANK GALEA
Registrar

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Acts of Parliament passed during 2003 (in print form)	Lm 8.00c
Annual Reports of Government Departments – 2003	Lm 7.00c
A Public Service for the 21st Century - White Paper on a Public Service Act	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Cultural Policy in Malta – A Discussion Document	Lm 3.00c
Customs Tariff	Lm 5.30c
Diskors tal-*Budget* 2004	Lm 1.00c
Economic Survey January - September 2003	Lm 2.00c
Electoral Register, April 2004	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, April 2004	Lm30.48c
Estimates 2004	Lm 2.00c
Financial Report 2003	Lm 2.50c
Government of Malta Staff List as at 1st April 2000	Lm 7.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Il-Politika Kuturali f'Malta – Dokument għad-Diskussjoni	Lm 3.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Legal Notices 2003 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
National Broadcasting Policy	no charge
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – Acquisition of Property by Government – Report by the Auditor General	Lm 1.75c
Performance Audit – Department of Consumer Affairs	Lm 1.00c
Performance Audit – Environment Protection Department – Countryside Section	Lm 1.50c
Performance Audit – Government Transport	Lm 1.50c
Performance Audit – Licensing and Testing Department	Lm 1.50c
Performance Audit – Museums Department – Promoting Heritage Sites	Lm 1.50c
Performance Audit – Managing Procurement – Road Construction and Restoration Projects	Lm 1.75c
Performance Audit – Preventing and Dealing with Pollution from Ships at Sea and Ports	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit – School Transport System – Education Division	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2002	Lm 2.50c
Servizz Pubbliku għas-Seklu 21 - White Paper dwar Att għas-Servizz Pubbliku	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2003	Lm20.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2001	Lm 3.00c
White Paper fuq il-Privatizzazzjoni	50c
Work and Activities of the National Audit Office 2003	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*